# 'IL-KUMMIDJANT'

TONY CASSAR DARIEN

# IL - KUMMIDJANT

3-atti ghall-palk ta'

Tony Cassar Darien

Jiehdu sehem:

| | | |
|---|---|---|
| Sydney Sillato | - | il-kummidjant |
| Guza Sillato | - | martu |
| Grace Sillato | - | binthom |
| Dr Bertu Dimech | - | habib ta' Sydney |
| Stella | - | il-'habiba' ta' Sydney |
| J.Borg Briffa | - | impresarju |
| Gurnalalist | - | komparsa |

Xena: prologu fuq il-purtiera; imbaghad dejjem fis-salott tal-familja Sillato

Zmien: il-prezent

## P R O L O G U

Taper c rder: Udjenza ccapcap entuzjazmata. Ghajjat ta' "Bravu ! Bravu!" "Viva Sydney Taghna" "Bravu Sydney".

Spotlight: Fuq ix-xellug tal-palk (ghadna bil-purtiera maghluqa). Minn fuq it-taperecorder tinstema' versjoni muzikali ta' "There's no Busness like Show Business". Minn bejn il-kwinti l'ispotlight jaqbad lill Sydney Sillato - kummidjant tas-snin hamsin - qsajjar b' fattizzi mill-aktar ordinarji - imma jippossidi dik il-kwalita magika; magnetika li taghmel lill-artist popolari. Liebes stil Maurice Chevalier - b'kappel tat-tiben imgenneb u bastun. B'pass imqit; bl-ispotlight dejjem fuqu jersaq lejn nofs il-palk. (is-serata waslet fit-tmiem).

Sydney: Nixtieq noqghod hawn s'ghada fil-ghodu. Imma ma nistax. Ghadu kif qalli d-direttur .... Cemplet il-kunjata. Meta kont ninnamra ma Guza tieghi; fid-disa' kienet tkun tridha lura d-dar. Imbilli ilna 40 sena mizzewgin? Baqghet bil-vizzju. Il-gimgha l-ohra gidimha kelb - alsation mill-kbar nett; mghaggeb kemm kien ifferocjat... Iva, il-bierah, smajna illi miet dal-povru kelb! (Rejazzjoni tal-udjenza fuq it-taperecorder. Minn bejn il-kwinti johorgu zewg tfajliet; twal u sbieh, liebsin ta' showgirls. Imorru wahda fuq kull naha ta' Sydney u jibdew ikaxkruh il-gewwa.)

Sydney: (waqt li jkun hiereg) U le! Fejn sejrin b'raskom? Dawn hut il-mara; iz-zghar; baghtithom ommhom li ma mmurx nitfixkel il-bieb tad-dar ... U tinsewx... Ahjar dahqa minn pillola ... Caw Caw

(Minn fuq it-taperecorder nisimghu "There's no Business like Show Business" u c-capcip tal-udjenza - aktar qawwija minn qabel ghax dan hu t-tmiem.)

## A T T  I

(Id-dar ta' Sydney Sillato. Salot tat-tajjeb; fuq l-antik, imma l-atmosfera hija kiesha ghal kollox. Sufan ckejken fuq ix-xellug, skrivanija, lemin librerija ckejkna warajha, mejda fin-nofs b'sett tal-iskakki armat; il-hitan barra l-pitturi antiki huma miksijin b'posters, programmi u diplomi li jixhdu s-successi passati ta' Sydney. Bieb fin-nofs jaghti ghall-kmamar l-ohra u biet fuq ix-xellug jaghti ghal barra. GUZA SILLATO qeghda fuq pultruna lemin estrem. Bilkemm narawha - qisha parti mill-mobilja. Mart Sydney hija si kerha u religjuza ferm. F'idha qed izzebbeg kuruna.

Hoss ta' karozza tieqaf. Tisbita ta' bieb.

Lehen: (Minn barra) Prosit sur Sillato. Prosit tassew. Gie t-tifel mal-mara ... aqta' kemm ghoxew qed jghidli ...

Sydney: (Minn barra) Grazzi Felic. Ghada tghaddi ghalija fis-sitta w kwart sewwa? Qallek is-sur Quattromani hux?

/ Lehen...

Lehen: (Minn barra) Iva sinjur tiehux hsieb. Hawn inkun.

Sydney: Sahha.

Lehen: Sahha.

(Sydney jidhol mix-xellug. Liebes kif rajnieh fil-prologu imma bla kappel u c-coff mahlul. F'idejh bagalja.)

Sydney: (jilmah lill-Guza) X'kien ghadek ma dhaltx fis-sodda? (Imur iferra grokk u jmur bih fuq is-sufan).

Guza: Ridt nispicca dal-hames posti u jekk nidhol fis-sodda ghajni tmur bija.

Sydney: Hmm. (Ikun ser jitkellem imma jieqaf; imbaghad imur igib il-flixkun tal-whisky u jqeghdu hdejh.)

Guza: Kellimtni?

Sydney: Le le ... Kont ser nistaqsik jekk cempilliex Bertu Dimech?

Guza: Le. Ma cempilx Bertu.

Sydney: (jimted fuq is-sufan) Kellu jghaddi l-lejla. Irridu nispiccaw il-loghba. Nittama li ma jlaqqatx xi operazzjoni bla hsieb.

Guza: Ma cempilx ... (pawsa) Dik cemplet ....

Sydney: Dik min?

Guza: Stella ... hux ? (Sydney ma jwegibx. Iferra' grokk iehor u jixorbu f'nifs.) Hux Stella dik jisimha?

Sydney: Jien naf dik id-dik min iddekk hi! X'kull wahda wkoll tohrog biha Guz.

Guza: (indifferenti) U mela ma tafx! Mhux kulhadd jaf...

Sydney: (iqum u jersaq lejha, drammatiku) Ara Guz ghadni kemm spiccajt minn serata u rasi nhossha trid tinqasam ... Jekk int behsiebek .....

Guza: (tqum) Affari tieghek. M'intiex xi tifel zghir. Imma mhux sewwa ... Mhux sewwa ... affarik. Ftakar fit-tifla; bilkemm ilha sena mizzewga ... b'dik it-tarbija.

Sydney: Imma kemm int ... Halliha it-tifla, tghix go darha ma zewgha. Dejjem trid tinheba warajha. Int. Int. Ghid xi trid tghid int? Taf thollu Isienek u ghal darba f'hajtek titkellem car u bis-sens?

Guza: Xi tridni nghid? Mhux dejjem li ridt int ghamilt?

Sydney: Hemm ahna. Ergajna koppi ... Kieku xi darba nitkellmu fuq xi haga sura ta' nies int u jien ... (jidhaq) Kieku qatt fi kliemek hemm bidu jew nofs jew tmien! Iddahhaqni Guz.

/ Guza: ....

Guza: Anzi int iddahhaq bit-tejatrin ...

Sydney: (imdejjaq) Fejn taf x'naghmel? Int qatt ma gejt... Qatt!

Guza: Insomma. Trid tiekol xi haga?

Sydney: Le.

Guza: Hu bicca hobz tit-tigiega ghallanqas. Ser tkompli tixrob fuq stonku vojt?

Sydney: M'ghandhiex guh. Hadt erba' gallettini t-tejatru... (Qappiena tal-bieb) Nahseb wasal Bertu. Hammur niftah jien.

Guza: (waqt li jkun hiereg) Jiena sejra fis-sodda. Taghmilx storbju meta titla ... (Tersaq lejn il-flixkun tal-whisky, tghollih, thares lejh u tohrog mill-bieb tan-nofs.)

Sydney: (jdahhal minn drieghu lill Dr. Dimech - Madwar sittin, xaghar abjad, bniedem li ra u sema' bosta) Ghidt ara ser jinqalalu xi haga u jerga ma jigix... Ma nghamillek grokk ...

Dr. Dimech: Nhar it-tnejn, ghidtlek hux ghala m'ghaddejtx? Hrigt mill-isptar xis-siegha ta' filghodu. Tarbija Alla jberika. Aktar minn disa libbri kienet. Trid tara l-omm Sydney! L-ewwel wild f'ghaxar snin ta' zwieg.

Sydney: Ajma hej; imsejken missier!

Dr. Dimech: Sydney, taf illi qatt ma ghidtlek ghala l-kummidjanti huma l-aktar nies pessimisti f'wicc id-dinja?

Sydney: U lanqas ma jien ser nghidlek jekk m'intix kapaci tintebah wahdek.

Dr. Dimech Uh x'ideja ckejkna l'hemm u l'hawn ghandi imma nixtieq kieku nismaghha minn ... taf int ...

Sydney: Minn ras il-ghajn hux?

Dr. Dimech: Precizament.

Sydney: U bl-ingliz "from the horse's mouth".

Dr. Dimech: Sewwa.

Sydney: (jiccajta) f'dal kaz kollha ma japplikawx. Kien hawn ghajn aktar il-fuq minnha fejn kont nahsel rasi meta kont tifel, ghalquha xi ghoxrin sena ilu. U lili aktar toqghodli ta' xi felu milli ta' ziemel. Ahna ser nilghabu dott jew qed tibza li titlef xi pakkett sigarri iehor?

Dr. Dimech Nibza? Il-professjoni medika qatt ma bezghet minn xejn.

Sydney: (waqt li jressaq quddiem is-sufan il-mejda bl-iskakki) Dazgur - tirbah jew titlef hadd mhu ser iqum mill-qabar biex jargumenta. Int imissek tmexxi ......

/Dr. Dimech: ..

Dr. Dimech: Daqshekk hu. (jahseb) Mela ha naraw fejn konna. Hmm. Sewwa. Kellna l-isqof jigri wara r-Regina...

Sydney: Qeghdin fl-eghar jiem tal-permessivita.

Dr. Dimech: Mela jien ser immexxi ... hawn.

Sydney: Stennejtek taghmilha dil-mossa.

Dr. Dimech: Guza rieqda?

Sydney: Dik mhux dejjem rieqda. Anzi suppost taf int bhala tabib ghax mindu ilek tidhol hawn - kwazi ghoxrin sena - dejjem f'koma kienet.

Dr. Dimech: Mara tassew twajba Guza Sydney. Tithol fin-nar ghalik.

Sydney: Dasgur li twajba. Meta dik kien imisshom qatt harguha minn nicca min jisimghek? Il-gwaj hu illi jixirqilha ragel qaddis u fil-granet li qed nghixu fihom il-qaddisin fis-santi biss issibhom ... U jien mexxejtlek hawn ...

Dr. Dimech: Kemm gibtni tajjeb sieheb? Incaqlaq tiekolni ...

Sydney: Inhsilt sew qabel hrigt hux?

Dr. Dimech: Prosit hej ... Din bicca xoghol tal-hsieb ...

Sydney: Hazin ghax ser ndumu weqfin. Ha nghamillek grokk sakemm tahseb.

Dr. Dimech: Le Sydney. Daqshekk bizzejjed grazzi ... U lilek nghatik parir taghmel bhali ...

Sydney: Nroddlok hajt tal-parir (iferra' fit-tazza)

Dr. Dimech: (iqum u jimxi lejn Sydney) Illum mohhi ghamel stoppa. Forsi tort tieghi ghax illejla ppretendejt affarijiet kbar minnhu ghal din il-loghba - u l-mohh habib, mhux ghalkemm taqbad tiddettalu ... Jekk jghid ma jridx kollu ghalxejn.

Sydney: Tista' tikkundizzonah nismaghhom jighdu. Biex nghati ezempju bija nnifsi minn jaf kemm il-darba, fil-kwiet tad-dressing room, b'dawk il-hafna bozoz jixghelu f'ghajnejja nhoss dwejjaq tant kbar; go fija, li jzommli n-nifs. Imma jiena ikkundizjonat illi meta jsir il-hin, meta tinfetah il-purtiera, jiena jkolli nohrog ....

Dr. Dimech: Gieli tkellimna dwar dan Sydney - Tohrog ghax tiehu pjacir bin-nies li jkunu halsu biex jigu jcapcpulek ....

Sydney: Iva ... sewwa; sewwa; imma mhux biss. Mhux biss..

Dr. Dimech: U c-cekk tal-flus illi meta jghogbok tmur issarraf il-bank ...

Sydney: (jidhaq) Iva ... sewwa; imma mhux biss. Mhux biss ...

Dr. Dimech ....

Dr. Dimech: Iva allura ... minhabba l-arti ...

Sydney: Tridx inkompli nilghabu bl-iskakki habib?

Dr. Dimech: Le le kompli ghax dejjem nieqfu hesrem fuq dan il-pont ...

Sydney: (irrabjat) Ghax f'din l-imbierka gzira tizreg bix-xemx tant sahnet rasna illi l-kelma arti saret moda mill-hobz. Li jdahhaqni hu kif f'kull fergha tal-arti ma ssibx hlief ghalliema, haddiema tal-gvern u studenti. Iva minn impriza bhat-tarzna, daqs dawk gheluf ta' haddiema ma ssibx artist? Wiehed li hu wiehed? Oqghod fuq li nghidlek jien illi dil-mmieghel ta' kelma tant giet uzata fil-vojt illi bniedem bhalek mghaluq fil-gagga ratba li tghix fiha ma jista' qatt jersaq lejn il-vera spjegazzjoni taghha.

Dr. Dimech: (dahqan) Ar issa ser naqghu personali ...

Sydney: U ghax wara das-snin kollha fit-tijatru, inhabbat wicci ma kull xorta t' ipokresija li tirrenja fuq il-palk, tahtu u fil-gnub certu kliem u sarkazmu sar idejjaqni ghall-ahhar.

Dr. Dimech: Nassigurak Sydney illi jien ma kelli ...

Sydney: Naf habib. Mhux ghalik qed nghid. Illum nibtu fostna corma b'xaghrhom twil, bil-lehja w hafna gkieket tal-gild illi jidrilhom li Alla baghthom mas-saqajn biex jikkrejaw rinaxximent gdid.

Dr. Dimech: X'inhuma dawn? Kritici?

Sydney: U le. Kieku fiha u ma fihiex. Kum af illi fid-dinja ghandek issib monumenti ghall kull xorta t' annimal ghal xi kritiku ....

Dr. Dimech: Sydney ghid is-sew, xi haga tghatek il-gewwa lilek dan l-ahhar ...

Sydney: Jien? Mhux dejjem hawn jien?

Dr. Dimech: Bis-sincerita kollha ta' hbieb li ahna qed nghidlek. F'dawn l-ahhar xhur innutajt bidla kbira fik ... Biex inkun aktar preciz minn kemm ilek flixkun taqtghu f'jumejn...

Sydney: U jien naf. Bdejt nixjieh. Forsi ghalhekk ma nistax nittolera aktar dawn l-erba' zerbinotti li jridu jxerrduha li spiccajt. Mhux daqshekk biss. Imma illi qatt ma kont (jifferocja u jigri mal-kamra jipponta b'subghu il-programmi w id-diplomi) Qatt ma kont eh? Hares ftit l-Irjal, Molierè il-purtiera fethuha ghaxar darbiet in fila f'kull serata; l-Orpheum, il-Manoel, ir-Radio City ... (B'passjoni) X'qatt ghamlu dawn? Dak li rrid inkun ma f' jien? X'qatt ghamlu?

Dr. Dimech: Kont nghamlek aktar matur; anzi professjonali; iva dik il-kelma, aktar professjonali biex ma thallix nies bhal dawn jiffetwawk.

/ Sydney ....

Sydney: U veru. Sewwa qed tghid. Forsi qed jghidu li bdejt it-triq ghan-nizla.

Dr. Dimech: Aqtghali kurzita, inti ragel bhalek, illum ghax ma tghamilx stop. Daqshekk. U terfa'.

Sydney: Min qatt ma tela' fuq palk difficli hafna biex jifhem ...

Dr. Dimech: Jekk qed tghid ghalija jiena darba kont irrectajt ta' San Guzepp l-iskola.

Sydney: Iva naf u wara zzewwigt lill Veronica.

Dr. Dimech: Daqshekk hu.

Sydney: A la Hollywood.

Dr. Dimech: Kif bdejn tirrecta Sydney? Taf li qatt m' ghidtli?

Sydney: Lanqas niftakar sewwa. Ma nahsibx li kien hemm xi haga hekk, partikolari, li gaghlitni ... qisni minn dejjem kont tal-palk - l-iskola - abbati - l-muzew, dejjem kien issibni indahhaq lill-shabi jew nimita lis-superjuri jew is-surmast minn warajh. Allura, nghidu ahna l-iskola, kull meta kien ikun hemm il-bzonn li ssir xi haga, dejjem kulhadd l-istess kelma "Ibghatu ghal Sydney: dak idahhaq! "

Dr. Dimech: Mela minn dejjem kont popolari ...

Sydney: Qed nifhem xi trid tinsienwa .... Nahseb ir-raguni mhux dik kienet. Forsi ghax ma kont tajjeb ghall xejn izjed few forsi ghax kont nibza mit-tfal l-ohra. Qatt ma ggellidt, jew ixxabbat ma hitan, jew tlajt ma l-ghola zkuk tas-sigar kif jghamlu s-subien.

Dr.Dimech: Ahh. Kienet aktarx "difiza", hux sewwa qed nghid?

Sydney: Iva hekk. Protezzjoni biex ma nigix miknus mix-xena tal-hajja jew nispicca biss lok ghal fastidju ...

Dr. Dimech: Insomma raguni flokha. Tahsibx li madanakollu int xi kaz wahdieni. L-aqwa gellieda tad-dinja zvillupaw seneghthom ghax xi jum f'hajjithom kienu mekuhom u gew umiljati. Fatt mill-aktar naturali.

Sydney: Ghalhekk sur tabib mhux facli tghid sahha lill-palk; bl-ipokresija u l-faccolizmu tieghu kollu. Il-mostri ta' barra huma ferm aktar terribli minn dawk ta' fuqu.

Dr. Dimech: Imma x'gara Sydney f'daqqa wahda?

Sydney: X'igifieri x'gara?

Dr. Dimech: U ejja. Nafek wisq biex tahbi minni u ma nindunax. Dan l-ahhar waqajt f'dipressjoni kbira.

Sydney: Burdati.

Dr. Dimech: Tassew li tbati minnhom hafna.

Sydney: Insomma mhux tant koroh daqs kemm jitpengew min nies illi dejjem jippretenduk l-istess. Naturalment ghax qabel lilhom. Ghax toqghod sewwa filqwarnixi illi jixtiequk huma fih.

Dr. Dimech: Qed taqbez mill-lixka Sydney.

Sydney: Qalbu sewda Sydney Sillato ... U mhiex semplici burdata. Imma xi haga ilha sejra x-xhur issa ... U li x-xorb m'ghandu l-ebda effett fuqha ... U li jekk ma jarax x'jaghmel biex jerga jigi bhall Sydney li naf jien ...
(bl-istess kantaliena tat-tabib) u qisek il-kommentatur tal-purcissjomi tal-Gimgha l-Kbira ...

Dr. Dimech: Affarik. Inti taf illi mhux pjacir tieghi narak qisek Atlas. Qieghed izomm id-dinja kollha fuq spallejh ...

Sydney: Jiena l-dan Atlas ma nafux imma milli smajt fuqu ma tantx ghandna affarijiet inkomuni jien u hu.

Dr. Dimech: F'idejk habib ... U isma' jiddispjacini illi ma tajtikx loghba tajba. Kif ghidtlek hsibt illi l-lejla kont ser nohrog minn hawn Granmastru - hux hekk issibuhom dawk li jifmhu ftit aktar minni fl-iskakki?

Sydney: Hekk hu. Ghalkemm xorta ma jidfnuhomx il-katidral.

Dr. Dimech: Insomma. Ma kellux ikun. U issa ser nara ... (iqum)

Sydney: U oqghod hemm. Sejjer diga? Mela ssawtek jekk tmurilha tard il-Veronica?

Dr. Dimech: U miskina. Saret qisha statwa tassew, bilkemm tiflah ticcaqlaq. Kullhadd qieghed jixjieh Sydney.

Sydney: Mela tista' taqbad minn idha lill Guza tieghu u jmorru jfittxu pedestal flimkien.

Dr. Dimech: Qatt ma tant ingwalawha n-nisa taghna Syd.

Sydney: Mhux mill-mara tieghek naqas. Guza tieghi jahasra nzertat twieldet tlett mitt sena tard. (jarah ilessti biex jitlaq) Iva oqghod hawn ftit iehor Bert ... Ghamilli pjacir. Jekk titlaq jien nohrog ghax mhux ser noqghod hawn wahdi. Jaqbduni n-nervi.

Dr. Dimech: (ipoggi bil-qeghda mill-gdid) Ma nafx ... ma nafx jien ...

Sydney: (pawsa. Jqabbad sigarru) Ha nkellmek ta' ragel.

Dr. Dimech: Fajjar.

Sydney: Inhossni 'vojt' ... Mghaluq. Bhalissa dal-hitan qed inhosshom jghafsu mieghi tant li jekk nersaq pulzier il-quddiem nahbat imniehri.

/Dr. Dimech ...

Dr. Dimech: Qed ikun drammatiku. Parti li ma tixraqlikx.

Sydney: U ftit ilu ridt ikun taf ghala l-kummidjanti huma l-aktar nies pessimisti fid-dinja. Nghidlek ghaliex mela le. Ghax id-dahq huwa mwelled mill-mizerja tal-kummidjant. Ara ftit kif spiccaw l-akbar kummidjanti li qatt rat id-dinja. Ixtar ftit hajjithom. Qabbel x'garalhom wiehed ma' l-iehor ... Id-dahq! Hsibt li hu xi haga facli ddahhaq. Oqghod fuq li nghidlek jien. Fiz-zmienijiet tallum l-umorizmu sar l-aktar mestjir iebes ...

Dr. Dimech: (beda jiddejjaq) Iva nafu dan Sydney. Ghalhekk ghidtlek illi jekk tahseb li ...

Sydney: Imma mhux ghax qed naqta qalbi. Dak qatt ... Inhossni mghaluq ghaliex ma baqa xejn x'naghmel... Tifhem? Hajti intliet b'bosta problemi sekondarji illi qeghdin hemm biss biex jirritawni. Dwejjaq kbar ... Kif naqbad nghid? Qisni ghada naf x' gej ... u anki pitghada u pit pit ghada. Kull ghodwa kopja sahhara tal-jum ta' qabilha.

Dr. Dimech: Biex titkellem int hekk... Xi tghid haddiem ordinarju mid-dar ghax-xoghol u mix-xoghol ghad-dar, gimgha wara l-ohra ...?

Sydney: Kont naf li mhux se tifhimni. Mhux int Bert - imma hadd ma jista jifhimni. U dan hu kollu tort tieghi habib. Ghax biex nikkommunika x'inhu vojt x'inhu l-gheluq ... Ma nafx u ma nistax. Int u bhalek kull min jafni jibqa jzomm quddiem ghajnejh il-mikrofnu, l-kappel tat-tiben, il-cameras tat-televizjoni ... l-immagni; bla ma jifhem illi ghall dak il-kummidjant jibbufunja hemm, dawn il-hwejjeg kollha huma ghalih bhall-ixkupa ghall-kennies ...

Dr. Dimech: Sydney, ilek xejn ma tiehu holiday?
(Qampiena ta' barra)

Sydney: Dan min seta' nqala ... Hammur nara ... (johrog)
(Dr. Dimech ihares lejn l-arlogg imbaghad jersaq ihares lejn il-programmi mdendlin mal-hajt. Jidhol JOE BORG BRIFFA - impresarju. Liebes kulurit. Ghandu kollox esagerat u jirrecta hekk il-hin kollu. Jidhol entuzjazmat)

B. Briffa: ... u qed nghidlek ma flahtx mmur id-dar u nidhol norqod bla ... (jilmah lill Dr. Dimech) Jidirli illi ...

Sydney: (Xott u suspettuz) It-tabib Bertu Dimech ... Is-sur Joe Borg Briffa - impresarju.

B. Briffa: (jiehu b'id it-tabib) Ghandi pjacir tassew bil-knoxxenza.

Dr. Dimech: Tant iehor...

B. Briffa: (B'niket taparsi) Nittama illi ... (jieqaf drammatiku)

/Sydney ....

Sydney: (zorr) U le mhux kancer, anemija jew attakk tal-qalb ...

B.Briffa: Allahares ... x'wahdadin...

Dr. Dimech: Ghall mument ma nghidilkomx x'ghaddili minn mohhi. Hekk qishu film; sensiela ta' ritratti wiehed wara l-iehor .....

Sydney: Bil-kulur? Xi nofs lira l-wiehed. Ghall aktar dettalji irrikorru ghand is-sur Borg Briffa ... Ejja Guz, ha nghamillek grokk ...

B.Briffa: Ma nghidlekx le. Sydney ghandna ghalfejn nicceleb-raw. Mhux grokk wiehed ...

Dr. Dimech: (iqum) Nahseb illi inthom tridu titkellmu u ...

Sydney: U oqghod hemm Bert. Hawn ha ferrajtlek wiehed u issa mhux ser tghidli le ... Isma s-sur Jor hawn nafu sewwa. Dejjem ikollu ftuh spettakolari ...

B.Briffa: Sydney; Sydney habib ... Iva ghatini cans nibda ...

Sydney: Qed tara? Ghadu fil-prologu ... Ghidli Guz sieheb ... Xi serata ghall-karita? Xi orfni abbandunati mill-bahrin suwed? Jew sorijiet li sfrondalhom is-saqaf fuq il-kaxxaforti ...

B. Briffa: Temmen Sydney: l'hena tieghi narak f'dil-vina. Meta tkun ghaddej hekk nghid bejni w bejn ruhi "Sydney Sillato bla dubju - l-aqwa li ghandna u li qatt kellna". Biss hija; sincerament nixtieq inkellmek bis-serjeta fuq bicca xoghol importanti. U sincerament nixtieq li thallini nghidlek; gejt apposta hawn ... kelli appuntament importanti ...

Sydney: Fhimtek. Ibda. Qed nisma - sincerament.

B.Briffa: Inti tafu lill Karlu Satariano ...

Sydney: Naf bih. Imma qatt ma kellimtu ... X'gralu?

Dr. Dimech: Dan dak il-malti jew taljan ...

B.Briffa: Malti ... Baqa' cittadin malti ...

Dr. Dimech: Iva jidhirli li qrajt dwarhu f'xi gurnal ... Kien Malta hux?

B.Briffa: Satariano huwa miljunarju. Ta' tlettax il-sena mar Milan ma ommu li kienet taljana. Missieru kien halla l-familja biex siefer x'imkien u hadd ma jaf x'sar minnu. Iva, kien beda jaqta' l-biljetti f'tejatru. Wara hajja t'avventura tassew imqalba, illum hu proprjetarju ta' ma nafx kemm il-tejatru, kumpaniji ... Ghandu gid kemm jesa' gildu ...

Sydney: Minn dejjem kont nghid illi biex tara centezmu mill-palk l-ahjar tkun taqta' l-biljetti tad-dhul...

/B.Briffa ....

B.Briffa: Illum wara nofs in-nhar mar lura Milan.

Sydney: San Frangisk iwasslu bis-sliema ...

B.Briffa: Dalghodu kien qed jitkellem mieghi.

Sydney: Halli ghalik int biex tehel mieghu - "Ghandu gid kemm jesa' gildu".

B. Briffa: Thaddidna fuqek - sur Sydney Sillato.

Sydney: U allura? ... Bumm Bumm Bumm Bumm (il 5 sinfonija ta' Beethoven) Suspens - waqt li jien nistaqsi b'lehen trepitu - Ghalkemm ma nafx sewwa dan x' ifisser - Xi thaddittu fuqi? Ohrogha Guz!

B.Briffa: Sydney illejla m'ghandekx mohh is-serjeta milli jidher ...

Sydney: Ghadirni Guz. Ghidli ! X'inqala?

B. Briffa: L-akbar opportunita li qatt sehhet f'pajjizna. Il-ftuh ta' orrizzonti godda illi ...

Sydney: X'ghidtlu Guz?

B.Briffa: (drammatiku) Enrico Quattro - Pirandello - l-Orpheus ta' Milan - Sydney Sillato - Enrico Quattro

Sydney: (jidhaq - izid kwazi esteriku)

B. Briffa: Ma nara xejn tad-dahq f'dak li ghadni kif habbartlek!

Sydney: Hmm. L-ahhar battuta jekk jghogbok tista terga tehodha mill-gdid?

B. Briffa: Karlu Satariano lest li jtella' l-Enrico Quattro ta' Luigi Pirandello. L-ewwel ikollha premiere f'Malta imbaghad tiftah fl-Orpheus ta' Milan. Il-kast ser ikun wiehed imhallat. Taljani u Maltin.

Sydney: U ... u il-parti principali jekk jghogbok? Lill min semmejt?

B. Briffa: Lilek. Sema' bik. Rak fir-ritratti li urejtu jien. Rak fit-triq u fuq il-palk. U rbahtu. B' ruhu w gismu.

Sydney: Trid ticcajta l-lejla Guz?

B. Briffa: Ma nafx ghaliex qieghed tiehu dan l-attegjament mieghi l-lejla Sydney? Jidhirlek int illi jien ser niccajta bi hwejjeg bhal dawm? Lanqas li ma tafniex! Nistqarr illi jhossni dispjacut illi qed tehodni b'dan il-mod: minn fuq illi ferhan ser ntir gejt nghatik din il-bxara.

Sydney: Imma l-Enrico Quattro? Tafu x'qed tghidu? Jien? Jien? L-Enrico Quattro.

B.Briffa: Issa tassew qed tiskantani! (jersaq fuqu u jpoggi jdejh fuq spaltu) Meta min? Sydney Sillato? jekk mhux int? Min?

/Sydney ....

Sydney: (wahdu jhewden) Pirandello - L-Enrico Quattro ...

B. Briffa: Hames mija mal-kuntratt. Hamsin tal-premiere f' Malta u isma' l-bomba tfaqqa Sydney - Erbghin lira kulljum li tibqa ghaddejja f'Milan ...

Dr. Dimech: Flus Maltin hux tassew; mhux t - a - l - j (jaqta' x'hin is-sur Borg Briffa jhares bl-ikrah) Naturalment!

Sydney: Inroddlok hajr hafna Guz. Imma le ...

B. Briffa: Le? Le ghidt? Qed nisma sew jien ... ?

Sydney: Sew qed tisma. Le...

B.Briffa: Ghadirni Sydney. Imma ma nistax nifmhek.

Sydney: M'hemmx x'tifhem. Gejt tghiddilli offerta sabiha hafna u ta' dan jiena nirringrazzjak. Biss it-twegiba hija le ...

Dr. Dimech: Skuzaw l-injoranza tejatrali jew letterarja tieghi - ghax jiena anke "l'ghajn" u "l'hakka" gieli nitlef - imma dan Enriku l-Kwattru min il-marelli hu...?

B. Briffa: Enrico Quattro hija l-aktar xoghol majestus ta' Pirandello ...

Sydney: L-aktar iebes u mpenjattiv ...

B. Briffa: Bih Pirandello lahaq il-quccata drammatika tas-seklu taghna. It-tema favorita tieghu li titratta dwar il-linja irqiqa li tifred in-normal mill-genn f'dan id-dramm tilhaq il-kolmo taghha. Tema li tahdem fuqha bosta drabi ...

Sydney: (bejnu u bejn ruhhu) Il Beritto a sonagli ...

B. Briffa: Precizament. Enrico Quattro ghall dik li hi qawwa, passjoni, arti - jizboq sahansitra r-Re Lear ta' Shakespeare -

Sydney: Iebes u mpenjattiv ...

B. Briffa: U fid-dinja kollha ... mhux zgur hawn ghaxar atturi li huma denji jersqu biss lejh dan il-karattru tant majestus.

Dr. Dimech: Jiena ghidtilkom li jien qaghqa f'dawn il-hwejjeg, imma Sydney mhux kummidjant? Milli qed tghidu din xi haga serja!

B. Briffa: (jidhaq) Issa jien imissni nidhaq. (jisserja) Sydney huwa l-akbar artist go dil-gzira. Iva tassew illi jilbes kappel; imur jghid erba' cajtiet f' lukanda u f'kemm ili nghidlek idabbar ghoxrin lira. Imma fil-fond ta' qalbu Sydney Sillato ghandu jnawwar dudu twil, li ma jhallihx bi kwietu. Ghax jaf li hu mahluq ghall-hwejjeg ferm aktar oghla ...

Dr. Dimech: Imma jekk mhux tad-dahq nghid jien?

B. Briffa: Tassew ma tafx ghaziz tabib ta' qalbi. F'qalb kull

/kummidjant ....

kummidjant hemm thabbat parti - parti tragika - illi tant trid tohrog. Aktar majkun kbir il-kummidjant aktar ma din il-parti thabbat bil-qawwa. Hu mis-sultan innifsu tal-umorizmu. Il-kbir Charles Chaplin kif kien kapaci jbikki l-aktar qlub xierfa.

Dr. Dimech: Jiena qed nistaqsi ... Ma nahsibx li dan Satariano ...

B. Briffa: Mhux maghruf b'bahnan. Ma tantx huwa mdorri jidhol ghall imprizi zopop u ghalhekk qed niskanta tassew kif wara li wera dil-fiducja ghamja f'Sydney taghna, tant illi fdani bil-kuntratt; huwa (jurih) ...

Sydney: Ser inkun sincier. Mhux parti ghall taht snieni...

B. Briffa: Allura tassew trid ticcajta ...

Sydney: Le. Bis-serjeta. Li kieku kont ghaxar snin izghar ...

B. Briffa: Imma f'gieh kemm hemm tghidliex illi qed taqta' qalbek minnha. Jien qed nassumi li tafu tajjeb id-dramm.

Sydney: Nafu. Nafu tajjeb tibzax. Jiena fl-iskola tal-Pirandello trabbejt sieheb Guz. Illum hafna donnhom insewh dan. Imma hej fi zmieni ... Meta bdejt jien ma kontx ser tahbi hsieb dghajjef f'hafna filosofija dejqa u b'kullhadd miexi l'hawn u l'hemm qishom suldati tal-loghob li jiccaqalqu kif tmexxilhom il-habel.

B. Briffa: Ghalhekk il-fatt li qed taqta' qalbek minn din l-offerta stupenda ma jghamilx sens. X'gralek Sydney? il-linji ...

Sydney: Uh ... il-linji ... il-provi ... it-tul ... is-serjeta ... U le Guz. Sibu l' xi hadd iehor. Grazzi hafna.

B. Briffa: (jieqaf ihares lejn Sydney fit-tul) Mela la qed tghid hekk ... Il-lejl it-tajjeb lilkom sinjuri. Narak Sydney. Tibqax nghalaq jien ... Sahhiet ...

Sydney: (inkwetat mill-hrug mhux mistenni ta' Borg Briffa) Guz ... Guz ... (jigri lejn il-bieb imma jkun tard wisq u jerga johrog imhasseb)

Dr. Dimech: (bil-lajma) U jien ukoll nahseb illi ahjar indabbar rasi gewwa ...

Sydney: (imhasseb) Sejjer Bert?

Dr. Dimech: Inti issa ma nahsibx li tohrog jew tiddejjaq wahdek.. ghax jidhirli li ghandek bizzejjed biex tehda l-lejla..

Sydney: Iva ... iva sieheb ...

Dr. Dimech: Ftit ilu kont qed tghid kemm thossok vojt u mghaluq tiftakar ... ?

Sydney: (jigri lejn it-telephone u jiddalja b'urgenza) Hello Stella Stella (ecitat)

Dr. Dimech: Min jaf kieku titkellem mal-mara l-ewwel? Mhux ahjar? Il-lejl it-tajjeb habib (johrog) (Sydney jnizzel it-telephone b'lehen ta' mara tghid "Hello, Hello min hemm? Hello?) - waqt li tinghalaq il-purtiera.

T M I E M L - E W W E L A T T

A T T ... I

(Guza u bintha Grace, 24 sena; simpatika, moderna u fuq ruhha. Guza fuq il-pultruna b'xi zewg basktijiet goffi hdejn riglejha. Liebsin ghall-barra. Grace qisha m'ghandhoex kwiet tippassigga l-hin kollu; u meta gieli toqghod bil-qeghda; dlonk terqa tqum).

Guza: Kemm ser idum ma jigi dak ukoll!

Grace: Imma mhux diga ghidlek li jrid igib il-karozza minghand il-mechanic. Wara kellu ukoll jghaddi jixtri l-ispizerija ...

Guza: U ghax dik it-tarbija f'idejn in-nies; jien ruhi qalbi, m'ghandix stonku ...

Grace: Sylvia mhiex "in-nies" mama. Habiba mill-ahjar u fortunata li ghandi lilha toqghod zewg bibien boghod minni. Imn' Alla kienet hi ... Il-papa ghadu ma qamx?

Guza: Dak mhux ser iqum issa. Dal-lejl hawn isfel rega ghamlu. Jippassigga bil-ktieb f'idu. Ahjar ma nafx xhiex ukoll! Dak it-taljan hadlu rasu. Il-hin kollu jistudja. M'ghandekx ideja kif sar missierek. Qishu jghix fl-ishab. Dejjem b'dak l-imbierek ktieb iswed f'idu.

Grace: Ma taghtihx tort mama. Int ma tifhimx. Imma bicca xoghol kbira hafna ghalih din. U unur ukoll. Unur u responsabilita. Ma tiftahx gurnal illi ma ssibx xi haga dwarhu.

Guza: U ma nafx jien! Issa dak baqghalu zmien? Ahjar jiftah ghajnejh u jersaq aktar lejn Alla. Jikber qieghed tafx.

Grace: Ma nafx inthom it-tnejn kif iltqajtu! Hekk jghid ukoll Joe tieghi. Hallih mama. L-eta ggorra mieghek ghax trid. Mhux ahjar hekk; dejjem ghaddej - attiv; milli joqghodlok ikkakmat gewwa; ihuf ma djulek ...

Guza: Kieku Missierek qatt ma qaghad gewwa. Ma nafx Milied, Strina jew festa li ghamilha maghna hawn gew. Dejjem bit-tejatrin.

Grace: Imma mhux flus lejn il-familja gab mama? Qatt hallik nieqsa minn xi haga lilek? Wara kollox, kont tafu dan int meta ltqajt mieghu ...

Guza: U binti, kemm kien zmien iehor dak ...

Grace: X'igifieri? Jien mhux biex inzomm mal-papa imma ...

Sydney: (Liebes dressing gown bi ktieb f'idejh jidhol fuqhom ikanta: "Come Prima" - jersaq lejn Grace u jbusha. Grace tidhaq u tiggustah. Imbaghad Sydney jmur fuq Guzs u wkoll jipprova jbusa. Din ma thallihx)

Guza: Bizzejjed Syd. Tikber u tiblieh. X'kull wahda wkoll ghodu ghodu.

/Sydney ...

Sydney: (jmur fuq Grace u jpoggi drieghu fuq spallejha) Ah ghodu ghodu ghandi kull ragun biex inkun kuntent. L-ewwelnett il-ghaliex naf l-ewwel att fuq ponot subghajja. Dan ifisser illi l-memorja tieghi ghalkemm mitluqa w traskurata ghada hajja w attiva u t-tieni il-ghaliex qed nara lill aktar bint favori... li ghandi.

Grace: (bi hlewwa) Mhux lili biss ghandek? Anki li ma kontx ...

Sydney: Daqshekk hu. Dlonk kif kellna lilek; ghidt "Ah - isbah u ahjar minn Gracie taghna mhux possibbli." Allura, Basta eh! Stoppa! Li jmiss inkella jkun ta-bilfors anti-climax. Hux tassew Guz?

Guza: U jien naf x'int tkarwet. Nghamillek kafe? (tqum)

Sydney: U poggi hemm. Issa nirranga jien. Mhux dalwaqt tmorru.

Grace: Rega kien hemm ir-ritratt tieghek pa fil-gurnal.

Sydney: Bilfors ruhhi. Il-Maltin jitghaxxqu; it-turisti jistagbu u l-gurnali aktar imexxu. Kont tobsor Grace li missierek fi xjuhitu ser ikun attrazzjoni aktar milli qatt kien?

Grace: Xejn ma hadtha bi kbira jien. Dejjem kell... fik. Naf li int kapaci hux.

Sydney: U inti ghaziza tieghi qatt kont tobsor illi x-xwejjah zewgek kien ser ikun infittex daqshekk fi xjuhitu?

Guza: U hallini minnek int. Dejjem mohhok fil-hmerijiet ...

Sydney: Ah Guza Guza; imsejkna fidila Guza. Dejjem fil-kcina, il-knisja u tiehu hsieb it-tifla taghna. Il-kumplament; kollox hmerijiet! Kultant inhossni ... ghalik.
(Horn ta' Karozza)

Grace: Wasal Joe.

Guza: (tqum u taqbedil-basktijiet) Ejja mmorru issa. Sydney jekk tohrog, qis li tghalaq l-ilma u hu hsieb li l-gas u d-dawl ikunu mitfija. Ma tghamillix xi storja.

Sydney: Tiehux hsieb. Mhux hiereg... Isma Grace; ghid ... Joe jghaddi jiehu drink ...

Guza: U ejja ha mmorru. Ma waqaftx int mix-xorb. Mela ser terga' tibda. Bhal vavi taghmel int ukoll.

Sydney: Jiehu Guz. Jiehu ghidt. (lill Grace) Ili sajjem mill-alcohol tlett gimghat. Haga tal-ghageb kif sirt lanqas biss nghati kazhu.

Grace: (Jerga Horn ta' karozza) Prosit. M'ghadtliex ma ... U issa ahjar immorru ghax beda jitlghawlu l-dak. Benedizzjoni pa (tbusu).

/Sydney ....

Sydney: Caw binti. Hu hsiebha l-ommok. Tghatihiex tiekol bebbux ghax isodda tinsiex li tbati bil-hmar il-lejl.

Guza: Imxi mmorru. Ghax dax-xitan ser jerga jibda bil-hmerijiet.

Grace: (Tidhaq) Caw. (Johorgu)

(Sydney jarhom fil-bieb. Ixejjer. Imbaghad jidhol gewwa jkebbes sigaret, jaqbad mill-gdid il-ktieb jibda jistudja jirrecita l-Enrico Quattro. Jippassigga mal-kamra jghati b'idejh. Jinhasad b'qanpiena, jidher irritat. Kien deciz li joqghod jistudja fil-kwiet. Johrog jiftah.)

Sydney: (minbarra u waqt li diehel) Le. Le. Stella ma tistax tidhol hawn qed nghidlek ma tistax toqghod hawn. (Jinstema' l-lukket tal-bieb)

Stella: (Mara ta' 35 sena, sabiha b'mod vulgari. Stonkuza Liebsa kuluri jghajtu u mqaccta.) Martek illum tmur tghaddi l-jum ghand it-tifla. Rajthom kont fil-kantuniera nistennihom hergin.

Sydney: Imma Stella ruhhi ma tarax illi ma tistax toqghod hawn.

Stella: Dazgur li le. Jiena ma nistax nirfes hawn. Ghandi l-kamra tieghi, U hemm posti. Ma jonqosni xejn tafux. Imma hemm irrid noqghod. Nilghab il-pacenzja u nistenna ... Il-wasla tas-sid ...

Sydney: Imma x' tak Stella f'daqqa wahda? X'inqala?

Stella: Taf li ilek ma tersaq il-fuq minn ghamgha?

Sydney: Iva. Imma mhabbat. Ghandi l-play. Spjegajtlek ...

Stella: (toqghod bilqeghda; ttella sieq fuq l-ohra) Imhabbat. Ghandi l-play. Spjegajtlek ... Billi spjegajtli? Iddejjaqt. Fhemt issa; iddejjaqt u xbajt. (Tqum u tibda ddur mal-ghamara) u ghala jien m'ghandhiex wara das-snin kollha nixref barra mill-gagga tieghi u nittawwal ghall ftit fil-palazz ta' sidi? B'daqshekk ser taqa d-dinja ...? (tidhaq)

Sydney: Stella sakemm iddum hawn qed tissogra li tkisser kull ma bnejna. Tfarrak lili u ggarraf lilek u lill ... Kif inhi Carmen?

Stella: L-iskola dik miskina. Tipprova tikkompeti mal-ohrajn. Dawk ta' missierhom u ommhom nghidilhom jien ... Xi trid taghmel?

Sydney: Ara Stella. Tridx tmur tistennieni fil-gnien tas-soltu? Jiena ma ndumx ma nilbes u ....

Stella: (B'herra) U le. Hallini noqghod hawn. (Taqleb) Iva minn tridu jigi dan il-hin Sydney? Jekk imbaghad jinqala xi hadd tista tintroducini bhala "l-habiba"? Ma jixraqx? (tidhaq).

Sydney: Ma nistax nifhem x'garalek? X'tak biex taghzel tigi hawn? Tilghab man-nar?

Stella: Forsi ghax jekk ninharaq naf li mhux ser nwegga. Sydney, ghaziz tieghi, ilni das-snin kollha daqqa nwegga hemm u daqqa nwegga hawn; nahseb li rabbejt gilda gdida - gilda qawwija li ebda ugieh ma jista ghaliha ...

Sydney: Tassew mela li trid 'tkissirni?

Stella: U le ghaziz tieghi. Kif ghidt tant tajjeb ftit ilu. Jekk tiggarraf int; ninkissru ahna ukoll mieghek.

Sydney: Tlabtek biex ghall dawn il-ftit gimghat thallini kwiet. Tistabar, ftit ghax jehtiegli nikkoncentra ma nafx kif qed narak ...

Stella: Iva naf xi tlabt. Int kieku dejjem titlobni u jiena minn daqshekk déjjem nobdi mhux tassew? Imma dalghodu wara li baghat lit-tifla l-iskola taghni bhall estru. Ftaht it-tieqa berah u xrift rasi barra f'xemx tizreg u harist l-isfel lejn gegwigija ta' nies kulhadd fuq xogholu. U ismaghha din, qalb ta' qalbi; ma bzajtx aktar. Ma bdejtx nisthi. Kif u ghaliex ma nafx. Lanqas jimpurtani. Forsi x-xemx. Minn dejjem deherli illi x-xemx tizreg taghna teffetwana bosta aktar milli nahsbu. Hu x'inhu. Hrigt mill-bieb u gejt hawn qiesni regina. Qed tifhem Sydney? B'rasi fil-gholi ... U m'ghandiex ideja x'hena thoss meta timxi mit-trieq rasek fil-gholi.

Sydney: Jekk jghogbok tista tghidli xi trid minni? Ghala qed tghamilli hekk?

Stella: Xejn x'jien nghamillek jien? Nista noqghod inkelmek daqxejn?

Sydney: Tridx immorru fil-gnien nitkelmu?

Stella: (bil-herra) Le (Taqleb) Nitkellmu hawn.

Sydney: Jien ser nitlaq il-barra. Jekk trid tigi taf fejn issibni (jibda hiereg).

Stella: (B'kalma kbira) Sydney (Jieqaf ihares lejha) Jiena hawn ser nibqa.

Sydney: (taht) Allura tassew trid tkissirni? Veru trid teqridni int! Kollox sew. Tkellem ja mignuna xi trid?

Stella: U ghala qed tghidli mignuna issa? Issa mignuna?

Sydney: U mela x'int! Mignuna mill-eqqel li hawn. Xi trid tghid biha din li tigi hawn; tidhol gewwa f'dari, tintefa' fuq dik il-pultruna qisek ... qisek ...

Stella: X'qisni Sydney? Qahba? Ohrogha tibzax ....

/Sydney ....

Sydney: U le ma tarax ...

Stella: Ohrogha Sydney! Kelma hi bhall tant ohrajn. Stat uman iehor dan, mur ara. Il-mizza ma tistax issejhilha fwieha mhux hekk? Issa sirt mara kbira jien Sydney. Mhux ser niehu ghalija. Ghaxar snin fihom. Jghalmuk u jxerfuk.

Sydney: Appuntu f'ghaxar snin snah qatt ma ghamiltu dan u jien qatt ma bsart li kont xi darba ser tasal s'hawn.

Stella: Imma hawn jien. Fatt mill-aktar naturali daqs kemm hu fatt li dalghodu ftaht it-tieqa berah u xrift wicci l-bahra f'xemx tizreg.

Sydney: Trid nghamillek grokk?

Stella: M'ghidtx li waqaft mix-xorb?

Sydney: Imma issa ser niehu grokk.

Stella: Minhabba fija?

Sydney: Jista jkun. (Jidhol gewwa u johrog bi flixkun tal-whisky u grokk imferra!) X'ser taghmel?

Stella: (Imdejqa) Ma nafx. Immur nimxi. Sakemm isir il-hin biex nigbor it-tifla.

Sydney: Nigi mieghek.

Stella: (Bil-herra) Le. Tigix.

Sydney: Imma ghala? X'gralek ghaziza tieghi?

Stella: U xi tridu jigrili! Dhelt hawn gew u forsi x-xemx hallejtha warajja maqfula barra l-bieb. Mill-gdid qed inhossni niksah u jekk ma nohrog malajr nibza illi ninsa kif inzomm rasi fil-gholi. Kemm hi sahta li titwieled mara!

Sydney: Imma jien minghalija illi inti kont kuntenta ...

Stella: (Bil-herra) Kif kuntenta?

Sydney: Hekk. Kif qeghdin.

Stella: U kif qeghdin? Hekk! X'igifieri "Hekk"? X'inhu hekk? Xi latrina illi tidhol fiha meta thoss il-bzonn. Kemm tinqeda w tiblaq il-barra? Naturalment tiehu pjacir illi ssib l-indafa u li tilqak imma ...

Sydney: Issa qed tesagera. X'nista naghmel aktar jien? Sinjur minhiex imma kemm nista ... Nieqsa qatt ma hallejtek u kemm int u kemm it-tifla ...

Stella: Inhossni tassew nghir ghalik. Nisimghek issarraf kollox b'dan il-mod semplici, nghir ghalik, u fl-istess hin inhossni nifga. Thallini bla nifs. Tahseb illi Carmen ser tibqa dejjem it-tifla? Ser tikber fuq l-ilbiesi sbieh u l-pupa li tix-trilha int? Ser tmut tifla b'mohh illi ma jgharaf xejn aktar hlief pupi sbieh? (tibki) /Sydney ..

Sydney: (jersaq lejha bil-hlewwa) X'inqala Stella?

Stella: Dalghodu ... meta kont qed nghatiha l-bajda qabel ma jigi l-van tal-iskola ... harset lejja u bl-akbar innocenza saqsietni: "Ghaliex Uncle Sydney qishu d-daddy ta' Graziella?" (tolfoq)

Sydney: Imissek ghidtli mill-ewwel.

Stella: (bla ma semghetu) Graziella hija t-tifla tal-gara u nissuspetta li ommha qaltilha biex ma tkellimhiex lill Carmen. Mill-gallarija Carmen taraha tilghab ma missiera; ghax dejjem flimkien ikunu.

Sydney: Ghandek ragun. Imissek ghadtli qabel.

Stella: Dik il-mistoqsija innocenti hawditni. Fixklietni tant illi anqas kont naf x'qed nghamel ... Sydney; nitolbok ghini int. Ghidli x'naqbad naghmel?

Sydney: L-ewwelnett ikkalma. Hawn ha nghamillek grokk. U mhemmx ghalfejn toqghod tibki. Kieku ghidtli x'gara fil-bidu minnflok ... Hawn ha ...

Stella: Tant hassejtni mghafusa, illi fil-fond ta' ruhhi irribellajt. (ma nahsibx li kienet ix-xemx wara kollox. Dik tghamxek minn barra biss). Hassejt li kelli bzonn nisplodi. Ridt nisfida l'xi hadd. U jiena lilek biss naf. Ghalhekk gejt hawn.

Sydney: U ma tarax. Qatt ma jaqbel li tinfaxxa rasek qabel taqsamha.

Sydney: Le le Sydney; Rasi kieku ma jimpurtax anki jekk tibqa bla faxxa. Iz-zmien inixxef. Imma hemm ras ohra fin-nofs. Ras innocenti illi meta ghada pitghada tabilfors ikollha tinqasam ma nafx hijiex kapaci milli nzomm lili nnifsi li ninqasam maghha.

(Qampiena ta' barra. Sydney jinfixel. Stella qisha ma semghathiex).

Sydney: Alla tieghi! Min seta' nqala?

(Terga l-qanpiena. Imbaghad tahbit urgenti.)

Grace: (Minnbarra) Iftahli - Iftahli - urgenti. Papa hemm qieghed?

Sydney: Imnalla sakkart. X'ser nghamel? (Izid it-tahbit u l-ghajjat ta' Grace minn barra). Stenna. Ara Stella. Itla' fuq u idhol fl-ewwel kamra li ssib fuq ix-xellug. Tinzilx qabel nghidlek. Mur. (Stella tobdi bilmod) min jaf x'inqala issa. (Sydney jhares mill-bieb tan-nofs jara lill Stella tohrog).

Sydney: (jmur jiftah) Hawn Stenna ftit. X'gralek)

Grace: (tidhol b'xagharha mhabbel) Kemm domt papa biex ftaht?

Sydney: Kont qieghed fuq fis-sodda. Xi trid? Ghalfejn gejt?

/Grace ....

Grace: Nahseb li hallejt hawn l-portmoney. U ghandi il-flus tal-kera fih.

Sydney: Fejn? Fejn hallejtu?

Grace: Ma nafx. Meta wasalt id-dar ma sibtux. (Waqt li t-tnejn jibdew ifittxu) Sent Antnin jibghatili tajba. Kelli tlett karti tal-ghaxar liri fih.

Sydney: Gie Joe iwasslek? Ma rajtx portmonijiet hawn.

Grace: Le. Ghidtlu sejra nixtri. Kieku jkun jaf jiekolli rasi. Forsi hallejtu fuq; fil-kamra tas-sodda tal-mama. (Tkun tiela. Sydney jidhol quddiemha jimblukkala t-trieq) .

Sydney: Hammur nfittxulek jien fuq.

Grace: Ghala? U le. Immur jien. Kemm ser indum?

Sydney: Ha nghidlek kif nghamlu. Inti kompli fittex hawn u fil-kcina u jien mmur infittxu fuq. Naghmlu hekk. (Ikun diga beda tiela. Tidher Stella fit-tarag b' portmoney f'idejha).

Stella: Dan hu l-portmoney Grace?

Sydney: Stella!

(Grace tghaddi minn quddiemu. Titla sa fejn hemm Stella, tiehu l-portmoney, tinzel u tibda miexja lejn il-bieb)

Sydney: Grace mhux li qed tahseb. Nassigurak. Irrid nghidlek illi ...

Stella: M'hemmx ghalfejn papa. M'hemm ghalfejn tghidli xejn. Naf.

Sydney: Imma ... Stenna ... stenna ftit. X'igifieri taf? Ma nistax inhallik tibqa sejra hekk; bla ma infissirlek ...

Grace: U xi trid tfisser?

Stella: (Li tkun nizlet) Daqshekk hu Sydney. Ghalfejn dejjem trid tfisser ...

Sydney: (lil Grace) Iva infissirlek. Ghax meta il-bniedem jahrab minn spjegazzjoni dan jghamlu jew ghax hu indifferenti jew ghax jibza. Jibza mill-konsegwenzi. Grace binti. La tista tkun indifferenti u lanqas ma rridha tibza mill-verita.

Grace: Papa, zewgi u l-mama qed jistennewni. Li taghmel int affarik. Nghidlek sincerament. Ma jimpurtanix.

Sydney: Imma oqghod hawn. Ftit tal-hin biss. Nitolbok. (Lill Stella) Hmm, jimporta tizkuzana ftit? Jehtieg li nkellem lill binti rasi w rasha.

Stella: Kont sejra. (Tohrog bil-mod) Ghadirni Sydney. Ma hassejtnix li ghandi nibqa mistura hemm fuq, qiesni halliel. (Tohrog).

/Grace ....

Grace: Papa emminni imma m'hemmx ghalfejn tiskuza ruhhek mieghi. Jien ili naf.

Sydney: X'taf?

Grace: Biha.

Sydney: U x'izjed?

Grace: Kif x'izjed? Trid id-dettalji ukoll?

Sydney: Imma mhux ahjar? Jekk ma tkunx tafhom tassumihom; timmaginhom. U dak il-hazin. Meta tmur ghand dentist taqla darsa mhux l-ugiegh tad-darsa li jbezzghek; imma dak li tahseb li ser jghaddi minghalik dlonk kif tpoggi fuq is-siggu ... Kemm ilek taf bi Stella?

Grace: Is-snin hux.

Sydney: U qatt m'ghidtli xejn? Qatt ma hassejtek li ghandek titlobni spjegazzjoni.

Grace: Darba. Meta kont gharusa ma Joe u xi hadd minn niesu - xi ziju minn dawk li jhobbu jghatu l-pariri tajba - kien gibidli l-attenzjoni fuqha u fuqek. Dak in-nhar iva kont ridt inkelmek. Imma ghaddiet ukoll. Illum lanqas inkellmuh aktar lill dak.

Sydney: U taccetta kollox int? Hekk? Qisha l-mamma li nizlet mis-sema!

Grace: U xi tridni nghamel? Naf illi l-mama qatt ma kienet maqtughha ghalik; ghalkemm inti qatt ma tajtha cans. Ara fuq hekk. Hekk iva ridt inkelmek kemm il-darba. Imma inti qatt ma kont tkun hawn.

Sydney: (jitbissem b'dieqa) "Qatt ma tajtha cans." ... Ghandek ragun tghid hekk ghax kbirt malajr int Grace u f'kemm ili nghid inmamrajt, izzewwigt ... u tlaqt mid-dar.

Grace: Ta wiehed u ghoxrin sena izzewwigt papa!

Sydney: Iva naf. Imma qisek minn tifla sirt mara f'hakka t'ghajn. Ghalkekk forsi qatt ma kellna l-okkazjoni li nitkellmu ... ta' hbieb.

Grace: Jien u l-mama dejjem hawn id-dar kont issibna.

Sydney: Grace - ismghani. Wara qishu sena w nofs li zzewwigna kellna lilek. Dak iz-zmien jien kont suldat ghadni qed nipprova nghamel isem ghalija innifsi. Imma li rrid nghidlek hu illi minn mindu twelidt int, ommok waqfet tghix mieghi. Minn jaf kemm kont nasal anzjuz id-dar, meta kien ikolli xi success ckejken x'imkien, biex nitkellem mal-mama. Minn widna jidhol u mill-ohra johrog.

Grace: Papa jien naf illi inti minn dejjem ambizzjuz. Kemm xejn stramb ukoll. Nerga nghidlek il-mama ma kienitx maqtugha ghall xi hadd bhalek.

/Sydney ....

Sydney: Imma meta twellidt int tbiddlet. Emminni Grace imma qatghet mieghu kull xorta ta' komunikazzjoni. Alla biss jaf kemm ippruvajt nidhol f'hajjitha u ndahhal lilha f'hajti. Hi sempliciment ghamlet switch off komplet. Ghala qatt ma resqet imqar darba wahda biss lejn tejatru?.

Grace: Qatt ma hassitu postha.

Sydney: Imma kien hemm "jien". Qed tifhem "jien". Kif allura mhux postha.

Grace: Imma papa dan hux kollu diskors inutli.

Sydney: Niftakar f'dawk il-mumenti meta xtaqt hdejja lill xi hadd meta l-affarijiet kienu jibdew gejjin zopop. Jew minn naha l-ohra meta kollox imur fjur u kien jigi kullhadd jifrahli ... kullhadd barra hi ... Temminni illi meta sibt qalb li dehret lesta biex tifhem u tifrah jew tibki mieghi jien komplejt maghha?

Grace: Papa issa mlumek jew le, mhux li hemm hemm? ... Jien ma nafx x'nista nghidlek; jew x'qed tippretendi li nghidlek ...

Sydney: Ridt inkellmek Grace (jersaq lejha) Qatt ma tkellimna int u jien, u ghandi ghali kbir illi qatt ma tkellimna. Taf int, tifla, dejjem mal-mama u jien hajti koll... ghaddej b'xi haga. Imma l-fatt illi tkell... mieghek, qisni ftaht bieb illi kien imbarrat u mimli umdita' biex diga qed inhoss arja gdida u friska timlili l-pulmuni.

Grace: Ahjar immur ghax dawk jiehdu hsiebi. Jien papa jekk tkun tridni, taf fejn issibni.

Sydney: Irroddlok hajt binti. Tassew ghamiltni kuntent.

Grace: (tersaq lejn il-bieb) Il-problema wahdi hi pa.

Sydney: X'inhi binti? X'problema?

Grace: Ohti pa. Mhux hekk tigi dik! ... Sewwa ghidt illi ta' warajja kellha tkun anti climax ... Caw ghalissa (Sydney qishu jrid jghid xi haga imma Grace tkun harget. Ikebbes sigaret. Jahseb ftit. Jabqad il-ktieb. Imma l-aptit tal-istudju jkun telqu. Bl-herra jghalaq il-ktieb u jitfghu fuq mejda. Imbaghad imur fuq is-sufan u jimted fuqu jpejjep hesbien. Pawsa. Mill-bieb tfegg ras Borg Briffa. Jidhol inkiss inkiss. Jaghmel sinjal lill-Gurnalist; zghazugh b'zewg cameras imdendlin mieghu. Borg Briffa jaghmel sinjal lill-gurnalist biex jimxi bil-mod warajh. Flimkien b'passi meqjusa jersqu wara s-sufan ta' Sydney. Il-gurnalista jhejji il-camera u jigbed ritratt ta' Sydney)

Sydney: (mahsud mill-flash) X'il-mnieghel!! (Borg Briffa jidhaq. Il-gurnalista jhejji biex jiehu aktar ritratti.) Guz min il-mnieghel tak id-dritt ... ?

/Borg Briffa.

B. Briffa: Ikkalma Sydney. Nintroducilek ...

Sydney: Tintroducili xejn. Tridx taqbzuli t-tnejn il-barra minn fejn gejtu ...

B. Briffa: Lill Signor Bertolucci, il-gurnalista tejatrali tal-Corriere della Sera ...

Sydney: (infurjat) Ghalija seta' kien l-editur tad-Dandy u l-Biano. Aqbzuli il-barra tridu!

B. Briffa: Signor Bertolucco wasal siegha ilu minn Ruma appuntu biex jiltaqa mieghek. Mhux xieraq li niddizappuntawh ma jidhirlekx?

Sydney: Ghalija jista jibqa sejjer Honolulu ghax dac-cajt ma jghogobniex u mhux ser nittollerah.

B. Briffa: Iva forsi inqasna. Tassew. Ideja tieghu kienet li nidhlu hawn bil-mod. Kien qed jittama illi jigbdek f'qaghdiet naturali. Popolari hafna dan l-istil mat-Taljani.

Sydney: Imma mieghu m'huwiex. U jekk mhux ser iddabbru raskom l'hemm ser nispicca biex nigbdu wahda jiem - minn ghonqu. Popolari hafna dan l-istil mal-Maltin. L-aktar dawk ta' Londra ... Hudu l-hemm Guz ghax m'ghandix aptitu.

B. Briffa: Ebbene Ebbene. Senti Signor Bertolucco (jiehdu f' rokna u t-tnejn joqghodu jurragunaw, jaghtu b'idejhom u la taljana u ma jintieg diskors. Il-gurnalista johrog ixejjer rasu) Ma hax pjacir eh, m'ghandniex xi nghidu.

Sydney: Ghax ma jmurx ghand boxxla xjaten.

B. Briffa: Tassew illi gie biex jaqdi dmiru imma ghalina, x' jien nghid, ghalik; din kienet tfisser opportunita wahdanija ...

Sydney: Aqtaghha Guz - m'ghandiex aptit kliem fieragh.

B. Briffa: Xiss! Kemm qed tissorprendini! Bsart illi ser nsibek f'burdata ahjar.

Sydney: Aghar milli ninsab ma nistax inkun zgur.

B. Briffa: Jiddispjacini tassew.

Sydney: U nixtieq noqghod wahdi.

B. Briffa: Mela le ... Ishab din ... Biss Sydney marridx nidher qed nindahal imma mhux ir-recita hux?

Sydney; U jien naf Guz. F'daqqa wahda qed nara kollox iswed.

B. Briffa: Imma ma tistax tkun ir-recita! Zgur! Apparti milli qed nara jien waqt il-provi; kont qed nitkellem ma Signor Spinelli ...

Sydney: Dak id-direttur lanqas biex jaghmel Snow White mhu kapaci nixtieq naf minn fejn il-mnieghel sabuh.

/ Borg. Briffa.

B. Briffa: L-Italja ghandu isem mill-aqwa specjalment fuq ix-xogholijiet ta' Brindello ... Jinghad illi f'dawn l-ahhar ghaxar snin ...

Sydney: U jien nghidlek illi ma jaf xejn. Lanqas is-suggett ma fehem. Kellna xi nghidu sew u ...

B. Briffa: Iva iva smajt. Naf b'kollox.

Sydney: Mohhu biex jeqred minni kull nitfa ta' spontanjeta. Tih kollox regimentat u kollox awtomatiku. Bhall dak missu jidderiegi parata militari ... Gej ukoll irid jghallimmi il-Pirandello ...

B. Briffa: Dawn huma affarijiet illi jissucciedu ...

Sydney: Kawlata azzurra l-kwalita tieghu ghad trid tinholoq. Bhall dak ghaliex majintefax fuq ir-reklami tal-ispagetti tal-Carosello? Basta ghax gej Taljan u mghaggeb kemm hu bravu ... Isma din mhux l-ewwel darba li grat taf; kull meta jigi strangier jaghmel xi haga hawn, jasal fostna kollu trumbetti u jis-picca biex imur lura akkumpanjat bi hsejjes ohra...

B. Briffa: Naf naf. Il-pont hu, kif stqarr mieghi bosta drabi, illi jinsab kuntentissimu bik. Qatt ma kien jobsor f'mitt qamar illi go dil-bicca gzira hawn daqshekk talent.

Sydney: U mela meta nkunu fil-gurnata taghna; bejna; d-delettanti u l-professjonisti kemm xi differenza? Dan ilni nghidu jien. M'hemmx linja mizbugha li tifred il-professjonist mid-dilettant.

B. Briffa: Daqshekk hu. U tghidx kemm jien kuntent illi gietna l-opportunita biex nuru b'dan lid-dinja kollha. Fejn taf x'hemm lest Milan ... Bizzejjed nghidlek illi l-biljetti ...

Sydney: Iva iva ghidtli diga ghoxrin elf darba. Guz mhux biex nghamilha tal-pastas imma nixtieq nistrieh ...

B. Briffa: Iss! Isbah din. Arani sejjer. Narak il-lejla waqt il-provi. Sahha Sydney. Int m'ghandek bzonn xejn hux?

Sydney: Le Sahha Guz (Borg Briffa jibda hiereg meta Sydney jiftakar f'xi haga) Bilhaqq Guz ...

B. Briffa: Ghidli?

Sydney: Ghas-serata tal-ftuh hemm tlabtek komplimentarji jien?

B. Briffa: Ha nara (sakemm johrog pjanta) Jidhirli tlieta. (Jiccekkja fuq il-pjanta) Daqshekk hu. Tlieta.

Sydney: Ghamilli pjacir - zidli iehor maghhom trid?

B. Briffa: Jaqaw? Tghidliex thajret tigi ukoll is-sinjura? fl-ahhar?

Sydney: Ghandi bzonn iehor. Dak kollox Guz !

B. Briffa: Xiss! U jien kont nahseb li fuq tlieta toghod il-borma. Narak Sydney. (Johrog)

<u>Purtiera</u>.

ATT 111

(Guza qeghda liebsa tal-evening ta' Grace. Wara ftit tidhol Grace li tidher mitluqa u nkwetata. Qeghda tpejjep b'mod nervuz. Tpoggi fuq is-sufan bla ma thares lejn ommha. Pawsa )

Guza: Missierek ghadu ma giex ? ( Grace qisha ma tismax.) Grace; binti ghidtlek ...

Grace: (bil herra) U iva smajtek. Mhux hawn qieghed le. Kieku gie lura rajtu ma !

Guza: Iva kelma ghidtlek. Nittama li mhux ser tinfexx fija.

Grace: M'ghandhiex aptit paroli fil-vojt.

Guza. (biex taqleb) Ser tilbes xi xall fuq dil-libsa Grace ?

Grace: U jien naf. Issa nara x'ifettilli ...

Guza: (Wara pawsa) Binti mhux biex nindahallek, imma jidhirlek li qed taghmel sewwa ?

Grace: Emminni ma, ma jinpurtaniex. Nghidlek is-sew tant xbajt hawn illi qed nahsibha biex insicfer.

Guza: X'taghmel ?

Grace: Nitlaq x'imkien. Nehles.

Guza. U t-tarbija ?

Grace: Nehodha mieghi. Mur ara, mhux ser inkun l-ewwel wahda.

Guza: U jidhirlek illi dan li qed tghid jaghmel sens ?

Grace: Dawn l-ahhar gimghatejn xejn ma jaghmel sens.

Guza: Bla sabar int binti. Minn dejjem hekk kont. Minn daqshekk hrigt tixbah lill-missierek. Kieku hadt l-affarijiet aktar bil-mod, aktar bil-kalma ...

Grace: Ma, tergax tibda trid ?

Guza: Imma anki jekk Joe forsi zbalja ...

Grace: Ma, ghidtlek lill dak l-annimal lanqas b'ismu ma rrid nisma. Ghalija qishu ma jezistiex, qed tifhimni ?

Guza: Kieku kont nirraguna hekk ma missierek ...

Grace: Dik bicca xoghol tieghek. Affarik.

Guza: Ah binti. Taf daqshekk skola. Trabbejt f'tant tghalim u ghamilta bizzejjed man-nies u ghadek ma taf xejn. L-irgiel kultant ghar mit-tfal jghamlu. Kieku kull mara illi tissuspetta hazin f'zewgha ta hmel kif ghamilt int, kieku ma tibqax familja shiha wahda fil-pajjiz.

Grace: Jien mhux suspett ghandi. Provi. Qed tifhem. Provi konkreti. U dan bilkemm ghadna ghalaqna sena. Mela x' ser jaghmel dak il-hanzir ghaxar snin ohra.

Guza: Imma bl-ghajjat u t-theddid tahseb ukku ser jirnexxirlek tigbdu lejk ?

Grace. Isma' l-fidila xi tghid ! Min qallek li rrid nigbdu lejja ?

Lanqas jekk jigi jitmieghek mal-art gharkeptejh ...

Guza: Jekk allura m'ghadekx thobbu haga ohra ...

Grace: (irrabjata) Iva bizzejjed ma issa. Aqtaghha trid. Jien mhux ser inkun pastizz bhalek. Mhux ser inhalli qatt lill xi hadd jitmejjel bija u biex inzomm il-paci ndawwar wicci in-naha l-ohra. Qed tifhimni ?

Guza: Ma nahsibx li qed tiggudikani sewwa Gracie. Li ghamilt jien l-aktar li ghamiltu kien ghalik. Tahseb illi jien m'ghandhiex qalb li taf thoss bhall m'ghandu kullhadd ?

Grace: Ghadirni mama. Ma ridtx inweggghek.

Guza: Imma l-kaz tieghi mhux bhal tieghek binti. Ghax trid int qed tghamlu l-istess imma jien nghidlek li hemm bahar jaqsam. Fil-kaz tieghi ma nafx; ma nafx x'seta' qatt isir; imma int kieku bi ftit tal-hlewwa w pacenzja kont - u ghadek tista - issalva hajjitkom zghazugha. Ghala ma tridniex inkellmu jien lill Joe ?

Grace: Ghax ... ghax ... Marridx naq ghalih.

Guza. Imma hu waqa' ghalik. Gie jhabbat hawn bosta drabi u int ma hallejtniex niftah. Hedditni illi ser taghmel xenata kbira jekk nersaq biss lejn il-bieb.

Grace: Hallih ha jkun jaf. Haqqu aghar minn hekk.

Guza: U le binti. Mis-suppervja ma tiehu xejn. Hlief issib ruhek skartat minn kulhadd.

Grace: Ma tafx int x'kellu l-hila jghidli dak il-minghul ?

Guza: Ma nafx u lanqas jinpurtani.

Grace: Qalli "jaqaw ta' missierek trid tghatih lili ?"

Guza: Furja ta' demm. Allahares noqghod inzomm f'qalbi il-kliem kollu li jghidli missierek.

Grace: Imma int ma mhux bhali. Toqghod ghall-kollox u tkanta vittorja. Jien demmi ma jtiniex ...

Guza: Hafna drabi kemm hu ahjar toqqghod ghall kollox milli tfittex illi tpattiha. Gieli dak hu li jkunu qed jisten-new minnek in-nies. Le twiegeb lura. Meta tibqa siekta taqlihom b'zejthom. Binti l-aqwa l-qalb. Lil Joe nafu tajjeb jien u nahseb illi ghandu qalbu f'poatha. Jekk forsi zelaq ghinu biex iqum u jitghallem biex il-quddiem jevita mhux toqghod tghatih bis-sieq waqt li jkun fl-art.

Grace: Ma nafx. Inhossni mhawda wisq. Mohhi nhossu mixrub. Li Kieku mhux ghax naf illi l-papa jkun dizappuntat kieku l-lejla lanqas immur it-tejatru.

Guza: X'inti tghid ruhi ... Ma tarax ! Ahjar taqtghalu rasu barra l-missierek milli ma tkunx prezenti tarah il-lejla. (Konfidenzjali) Lanqas hu ma jaf - imma Gracie - anki jien ser nigi maghhom.

Grace: X'hinu ? X'ghidt ?

Guza: Mela mela. Tant rajtu inbidel dan l-ahhar lill-missierek illi bilfors; kif naqbad nghidlek ... u lanqas naf. Insomma ghamilt il-hsieb li nigi. Kelli dik il-libsa s-sewda taz-zija Vitor nizziltilha l-keffa... Hammur ingibha ha intiha daqqa ta' hedida wkoll ... (Tohrog)

Grace: Imma ma ? (Pawsa, imhassba)

Guza: (Tidhol bil-libsa) Hawn arha. Mhux tajba ghall-okkazjoni ? Iz-zija Vitor kienet ghamlita ghat-tieg ta' Connie, in - neputija, imma Alla jahfrilha miskina, kienet lahqet tger-bet bla ma lanqas biss zanznitha. X'jidhirlek Grace ?

Grace: Pulita hafna. U tigik tajjeb ukoll ikolli nghid ...

Guza: Imma qišha mghamula ghalija. Isma jien u Vitor minn dej-jem qiesna tewmin konna. Minn mindu konna zghar.

Grace: Imma tahseb ill taghmel sewwa tigi bla ma tghidlu l-papa ?

Guza: U ghax lanqas jew stess ma naf kif ghamilt il-hsieb biex nigi. U taf kif ikun fl-ahhar hinijiet missierek. Bil-kemm tkun tista tkellmu. Jien issa drajtu sew. Mibza illi jekk intarraflu xi haga issa... ma tafx kemm ikun stramb dak qabel l-ewwel gurnat ? U din tal-lum aktar u aktar ... (Tieqaf tahseb) Inti qisek trid tghidli li ahjar jekk ma nigix hux ?

Grace: (imhawda) Le le ! U lanqas naf jien ukoll.

Guza: Ghax ikun hemm "dik" ?

Grace: Ma, emminni ghandi rasi ...

Guza: Tinkwetax ruhi. Nahseb illi missierek xorta jiehu pjacir bija. Insomma jista jkun hafna affarijiet. Jiddependi hafna mill-lejla. Ghalhekk marridx nurih minn qabel. Ghada jkun jum iehor imbaghad... Taf li qed jinkwetani kif ghadu ma giex; mhux soltu tieghu !

Grace: (Thares lejn l-arlogg) Ghad baqa erba' sieghat.

Guza: Iva imma dak ikun hemm tlett sieghat qabel...

Grace: Minn daqshekk mhux ser jibdaw minghajru tinkwetax.

Guza: Taf li dan l-ewwel darba li smajtek ticcajta f'gimaghtejn ? Qed niehu pjacir bik binti. Ghada stess immur inkelm lill Joe...

Grace: Le. Jigi hu jekk irid.

Guza: Mela nkelmuh la jigi. X'jien nghid; tkelmu int...

Grace: X'naqbad nghidlu ?

Guza: U ajma tassew kultant qisek tifla zghira. Ghidlu dak li thoss mill-fond ta' sidrek dak li qed izzomm mistur. F' dak il-post imdallam l'icken haga wkoll tiehu l-aktar forma kerha. Meta imbaghad tohrog fil-berah fid-dawl, int stess tintebah kemm dak li kont tahseb li hu terribli fil-fatt ma jkun xejn.

Grace: Il-papa wkoll hekk qalli.

Guza: Isma' Grace dan l-ahhar missierek tassew rajtu inbidel. U mhux biss minhabba f'dir-recita.

Grace: Imnalla kien hu ghalija f'dawn l-ahhar jiem.

Guza: Fik qisu sab farag kbir. Donnu jkun qed jistennik biex jitkellem u jiftah qalbu mieghek. Qatt ma kien hekk , veru ?

Grace: Ma konniex nitkellmu flimkien qabel. Irrid nghid mhux diskors hekk ... ta' hbieb ... Gismi siktu mill-gdid

lill-missieri specjalment dan l-ahhar meta 'nqala l-ghawg.

Guza: Ghidtlu b'kollox ?

Grace: X'igifieri ? Mhux li taf int ?

Guza: (Bil-mod) Irrid nghid - anki x'qallek Joe ? Dak li ghadek kif ghidt lili ?

Grace: Iva. Ftit qabel ma hareg kien qed jghidli illi ghandi mmur jien infittex lill Joe; ghax aktar ma jghaddi z-zmien aktar ma l-affari tihrax; u insomma tafni int biz-zejjed.... Telghali u ghidtlu....

Guza: (Bil mod) Ma nahsibx li ghamilt sewwa li ghidtlu...

Grace: Meta indunajt kien tard wisq. Deher li ha ghalih ghax ma qalx kelma ohra u qabad u hareg uk-barra. Dak il-hin ma tajtx kaz ghax kont infurjata sewwa; imma imbaghad wara irrejalizzajt li ma missniex ghidtlu. Anki wiccu qishu tilef il-kulur.

Guza: M'ghamilts sewwa. Specjalment f'gurnata bhall ma hi llum. Taf kemm kapaci jistrombla ruhu mal-icken haga u ...
(Qampiena tal-bieb : Guza tmur tiftah)
(Jidhlu Borg Briffa u Dr Dimech. Qeghdin jitkellmu)

Briffa: (Briggjuz) Ahna hawn. Ah, Waslet l-ghaxija tant mistennija. L-aktar mument glorjuz fl-istorja tejatrali ta' pajjizna qieghed joqrob. Ahna partecipanti ckejkna f' dan l-avveniment storiku nhossu qlubna jferfru bl-anticipazzjoni ta' hwejjeg verament kbar ghall-pajjizna.

Dr Dimech: Issa nghatik pillola biex tikkalma. (Lill Grace u Guza) Hekk sejjer dan it-triq kollha.

Briffa: Tassew tiskantwni inthom ! Id-dinja artistika kollha qed titkellem fuq din ir-rapprezentazzjoni. Qed nghidilkom sahansitra kritici mill-Amerka ser ikunu prezenti. Hafna hasbuna qed nesageraw meta sejjahnilu l-avveniment tas-sena imma m'ghandkhoms ideja kif din ir-recita gibdet l-immaginazzjoni ta' kulhadd. L-istess Satariano u jien issorprendejna ruhna.

Grace: Kollox sew nemnuk. Tista toqghod bilqeghda ftit imma. U anki int tabib. Tghamillhom ftit whisky ma ?

Guza: Iva, Iva. Dalwaqt maghkhom.

Briffa: Sydney Sillato wara llejla ser jitla fuq pedestal illi hadd qabel minn dil blata ghaziza taghna - ma rnexxielu jasal fuqu. Hafna ppruvaw. Hafna stinkaw. Imma l-ostakoli kienu insuperabli. Il-barrieri huma enormi. Sydney; il-brevy Sydney taghna - artist kbir; bniedem ta' karattru; sod u kuragguz - ser ikun il-bniedem illi jgarraf u jkisser kull ostaklu li jzomm l-artist Malti milli jixref rasu l-barra mill-Medditerran. Dak il-bahar sabih li johnoq l-ambizzjoni artistika ta' poplu shih.

Dr Dimech: Allura issa bebsiebek terga tghidulu dad-diskors kollu lill Sydney ?

Briffa: Lill Sydney mhux issa nkellmu. Issa ma jaqbilx. Imma meta nkellmu quddiemu ser ikollu fatti figuri. Ghalissa zommuha bejnietna, ma jaqbilx illi tohrog issa: imma qed isir diskors fuq gieid ta' film... (Izomm halqu)

Ghalissa daqshekk. Il-quddiem tisinghu aktar hwejjeg kbar.

Guza: (Tidhol bil- Whisky) Ilma ghamlu inthom. U ahjar tfittxu tixorbuh ghax jekk jigi lura Sydney u jarakom bit-tazzi f'idejkom...

Grace: Iva bilhaqq. Bhallum sajjem ikun il-papa.

Dr Dimech: Mela mhux hawn Sydney ?

Guza: Le. Hareg jghamel passiggata.

Briffa: (Imhasseb) Xizz hej ! Jien hsibtu qieghed ihejji ruhu fuq. Dan fejn mar dal-hin ?

Dr Dimech: U hallih. Ara miskin kif ikun bhallum. Ghadu l-hin.

Briffa: Ma tantx. Ma tantx. (Ihares lejn l-arlogg) Barra minn hekk mhux soltu tieghu. Ma nafux hekk jien. Dak la antika - jekk ghat-tejatru - ghat-tejatru tkun. U jkun hemm tlett sieghat qabel. Min jaf ?

Guza: (X'aktarx inkwetata) X'min jaf sur Borg Briffa ? ...

Briffa: Xejn. Xejn, (Jixrob u jpoggi t-tazza fit-tray)

Dr Dimech: (Waqt li jaghmel l-istess) Iva halluh. Xi tridu jigri ? Jekk dar-ragel mar jaghmel zewg passi. Halluh. Taghmillu tajjeb.

Briffa: Ma tafx bhali int dott. Qed nghidlek stramba l-bicca.

Grace: Imma xi trid tghid sur Briffa ? Il-mama qed tinkwetha. U jien ukoll.

Briffa: Le le xejn. Kollox sew. Nistennew ftit iehor...

Dr Dimech: Wara kollox mhux xi tifel dan.

Briffa: (Inkwetat imma jipprova jaqleb) Iva, iva kollox sew. Isma' tridx naraw dwar it-transport kif ser naghmlu biex... ?

Dr Dimech: Grace tista tigi mieghi. Sintendi...

Grace: Grazzi dott.

Briffa: U jien nmur ma Sydney lura hekk ?

Grace: Hemm il-mama wkoll. Jimporta dott... ?

Dr Dimech: Xiss mela le ! Bil-qalb kollha. Anzi pjacir tieghi. Il-mara ghandha flissjoni qwappa u ahjar ma tohrogx. Bic-cajt ic-cajt ser nispicca neskorta zewg nisa ... X'kien Guza ser tmur it-tejatru l-lejla ?

Guza: Lanqas jien stess ma naf ghaliex. Hekk, ghamilt il-hsieb f'daqqa wahda. Forsi ghax Sydney - ma tafx il-lejla xi jfisser ghalih...

Briffa: (Inkwetat) Dazgur. M'ghandniex xi nghidu. Hmm Dott jimporta nkellmek fuq bicca xoghol ? Ghodda hargitli minn rasi x'wahdadin !

Dr Dimech: Mela le. Ghidli.

Briffa: Daqxejn preivata jekk ma jimpurtax.

Grace: Kompli sur Briffa. Tridx inhalluhom jitkellmu mama ?

Guza: Imxi imxi. Bilhaqq ghadek lanqas urejtuli dak iz-zarbun gdid .... (Grace u Guza johorgu)

Dr Dimech: X'Inqala ?

Briffa: (Serju) Nixtieq nitolbok pjacir ... jew ahjar, parir...

Dr Dimech: Isma' ma naghmlux mod illi inti tecita ruhek aktar mill-istess atturi hux ?

Briffa: Bis-serjeta, Dott. Il-lejla ser jkollna tragedja !

Dr Dimech: Spjegali ghax ma fhimtx.

Briffa: Qed nghidlek jekk Guza tigi t-tejatru l-lejla ser tigrilna bicca tinkiteb...

Dr Dimech: Minhabba Stella...? Nistghu noqghodu f'post iehor ahna. X'imkien imbiegħed minnha. Nahseb hemm xi palkett...

Briffa: Grazzi. Grazzi hafna. Dak kien il-pjacir li ridt minnek.

Dr Dimech: U ghall daqshekk ! Tista tirrangalna int fejn noqghodu...

Briffa: Dak mhux kollox ...

Dr Dimech: Baqa ?

Briffa: Ara avolja ilni nafek biss ftit zmien naf bizzejjed x'int. Barra minn hekk, bhali, int habib ta' Sydney ... Issa, dak il- ... ma nafx x'naqbad insejjahlu kultant; dahhalha f'rasu illi lil dik l-imbierka ta' Stella jrid itellaghha fuq il-palk ...

Dr Dimech: X'inhu ? Mela dik tirrecita wkoll ?

Briffa: U le m'intiex tifhimni. Fl-ahhar tar-rapprezentazzjoni. Ghall-applaws.

Dr Dimech: Mela dan qed jiggennen ?

Briffa: Ifhimni sieheb. Jien biss nista nghid minn xhiex ikolli nghaddi; nghamilha ma dawn in-nies, nipprova nzomm id-dghajsa fil-wicc. Sydney wiehed mill-gwappi. Kultant hej; l-arroganza u s-suppervja tieghu ... imma inti dan tafu bizzejjed ?

Dr Dimech: It-temperament artistiku ! Il-licenzja biex titpastas u tirkeb fuq l-irjus. Ara jien m'ghandhiex.

Briffa: Dan inzertajna qeghdin nitkelmu u jien zellaqtielu bil-pulit illi ma nahsibx illi tkun ideja felici li Stella toqghod fil-postijiet prominenti quddiem tal-mistiedna specjali ...

Dr Dimech: Ara naturalment kif sploda ?

Briffa: Le. Le ma splodiex. Dak li jbezzghani kieku ghamel hekk ahjar. Harisli fiss f'wicci u imbaghad b'disprezz qalli; Ser intellaghha fuq il-palk waqt il-curtain call ! Min ghandu l-ghali jkompli jzidu !

Dr Dimech: Xiss ! X'kull wahda wkoll !

Briffa: Jiena pruvajt immewwita; taf int tattika professjonali din; xi trid taghmel ? Iva, ghidtlu "ma jaqbilx, ghax tisraqlek l-applaws lilek".

Dr Dimech: X'qallek ?

Briffa: X'ma qalliex trid tghid ! U ghax ma tkunx l-ewwel wahda; kif kullhadd hu mehdi biex juzah u insomma; spicca biex infexx wahda fija hej; illi sincerament nghidlek; kieku ma konniex fl-ahhar gimgha tax-xoghol ... u Alla biss

jaf minn xhiex ghaddejt biex wasal llum, ma nafx kif kont nispicca ... Ghax kien iebes ... iebes wisq !

Dr Dimech: Kultant hej ... Imma ma jarax illi hsara biss jista jaghmel ?

Briffa: Mur fehmu. Insomma, jekk ghandek xi suggeriment ...?

Dr Dimech: Jekk lahaq deffisha f'rasu ...

Briffa: U dan diga ghamlu, hadd mhu ser johrogielu ...

Dr Dimech: Appuntu. Allura wiehed ghandu jkellem lilha.

Briffa: Prosit. Precizament x'kont qed nahseb jien. L-affari hi illi jiena dil-persuna ma nafhiex. Anzi biex nkun ragel mieghek, dejjem gharaft niskartha. Tifhem int fil-pozizzjoni tieghi, il-komplikazzjonijiet innaqashom irrid, mhux inzidhim.

Dr Dimech: Jiena lanqas ma nafha.

Briffa: Imma taf x'tip hi ?

Dr Dimech: Li naf hu li qalli fuqha Sydney. Tifhem int, x'aktarx kollox fis-superlattiv. Sydney ma jittollerax kritika dwarha - minnghand hadd.

Briffa: Kemm qeghdin tajjeb u'oll ! Ma nafx ghalfejn ninkwieta ruhi daqshekk jien. Wara kollox jekk Sydney halef illi jrid ifarrak hajtu pubblikament, affari tieghu ... (Ihares lejn l-arlogg) U kif ghadu mhux qieghed hawn ? Jekk ma jkunx hawn sa nofs sigha ohra ...

Dr Dimech: Qed nahseb; min jaf kieku Grace ? Tistax tghin hi ?

Briffa: Tkellimha hi ?

Dr Dimech: Hemm inqas periklu le ?

Briffa: Imma jitkellmu huma ?

Dr Dimech: Ma nafx jitkellmux. Biss Sydney dan l-ahhar sar jafda hafna f'bintu. Ftit ilu qed jghidli kemm kien kuntent li sab lill xi hadd minn ta' gewwa illi seta' jistrieh mieghu. Qalli talanqas b'bintu mieghu m'ghaduz ihossu qishu barrani f'daru stess.

Briffa: Iva. Nghamel hekk. Inkellimha. M'hemmx aktar x'taghmel mhux hekk ?
(Minn barra jinstama' kant stunat ta' "There's no business like show business". Sydney jidhol. Kien qed jixrob. Hwejjgu sdingati fuqu. Jieqaf fil-bieb x'hin jilmah il-vizitaturi.)

Sydney: Ara lill minn qed nara ! Bla dubju inkurlati ghalija ghax ma qaghadx bravu, hux hekk ?

Briffa: Inkwetati Sydney ghaliex ...

Sydney: Dazgur. M'ghandniex xi nghidu. Kollox jiddependi minn Sydney Sillato illum. L-icken pass hazin u d-dinja tieqaf ...

Briffa: Sydney, tridx kafe ?

Dr Dimech: Ideja tajba hafna.

Sydney: U le marridx kafe. Imma kif dejjem triduni nghamel l-affarijiet ? Li tridu inthom ? Li jrid haddiehor ? Le marridx niehu kafejiet ... Irrid grokk ... (Iqum ifittex imma imbaghad jaqta qalbu u jerga jpoggi)

Briffa: (Lill Dr Dimech) Alla tieghi ! Qalbi hebritni. Mixjin ghall fjask fjaskun ... (izomm mohhu)

Dr Dimech: Sydney, mhux ahjar issa tikkoncentra ftit. Dan, wara kollox, huwa l-akbar jum ta' hajtek.

Sydney: (Jidhaq) Iva qaluli hekk ... qaluli hekk ... ha nara - l-ewwel darba meta ghamilt il-precett u n-nannu dam nofs ta' nhar jghaddili l-libsa bajda. U mbaghad meta bdejt nahdem, u meta zzewwigt u meta kelli t-tifla u meta fetah ghall-ewwel darba bija it-televizjoni ... u u u ... minn dejjem nafu jasal dan l-imbierek ta "l-akbar jum ta' hajti".

Briffa: Sydney nitolbok. Daqs kwazi saghtejn ohra tkun fuq il-palk.

Sydney: U iva iva. Ha nghidilkhom fuq dan l-akbar jum ta' hajti. Tafu xejn illi xorta 24 siegha jkun fih ? Qatt ma hsibtuha din hux ? U jghaddi wkoll. Sakemm imbaghad jerga jasal "jum l-aktar kbir iehor".

Dr Dimech: Imma ghala Sydney ? Ghala qed taghmel hekk ?

Sydney: Ghaliex spiccali c-cajt u meta l-kummidjant jispiccalu c-cajt isir qishu xufier b'idejh maqtugha.

Briffa: Sydney jehtieg taghmel kontroll fuqek innifsek. Ma jistax ikun tkomple sejjer hekk. Ftakar ftit ...

Sydney: Marridx niftakar. Marridx ... M'hemmx hwejjeg sbieh x'tiftakar. Meta nipprova nghamel dan hlief tifrik u tbiccir ma narax. Le marridx niftakar xejn izjed.

Briffa: Imma Sydney wara l-lejla ser tkun bniedem gdid. Imfittex maghruf, stmat ... Jekk jirnexxilek zzomm kontrol fuqek innifsek ...

Sydney: X'ghidt ? Infittex u maghruf ? Int qed tara lilek innifsek biss. Bhall kulhadd. Taf xi tfisser li tkun imfittex u maghruf ? Aktar nies jindahlulek bil-pariri tajba biex tkomple tghaffeg u tfarrak. Qed nghidilkom xbajt ...

Grace: Smajt il-kliem ... Ah papa wasalt fl-ahhar ?

Sydney: (Jidhaq esteriku) Wasalt fl-ahhar ... Ah Gracie Gracie; (jersaq lejha u jbusha) Qed terrabja mieghi ghax xurban. Le ghaziza tieghi, mhiniex fis-sakra. Imma forsi jrid ikolli grokk fuqi biex nghidlek kemm inhobbok binti. Minn dejjem kont inhobbok imma jew ma kontx naf jew indunajt tard wisq. U nroddlok hajr ta' dan binti. Inhossni grat ferm. Irridek tkun taf illi lilek biss habbejt f'hajti kollha. L-ohrajn kienu bzonn. Inzertaw hemm u jimlew il-vojt. Imma inti Gracie, int speccjali wisq. Jiddispjacini biss illi l-hsara kienet lahqet saret ...

Grace: Grazzi papa. Jien ukoll inhobbok. Imma issa mhux ahjar tibda tahseb fuq ir-rapprezentazzjoni ...

Sydney: Iva int ukoll ? Ukoll ! Qed nistqarlek x'inhoss ghalik u mohhok qieghed fuq dak il-mishut palk ...

Briffa: Sydney issa tassew li ma tafx x'inti tghid !

Sydney: Iva mishut palk. Palk mishut, b'ta' fuqu u b'ta' min imiss mieghu. Jixorbok, jillumpjak, inessik min int u jivvalenalek hajtek naqra naqra sakemm gurnata wahda issib

ruhek ippossedut ghall kollox. U wahdek. Izolat mill-hwejjeg gheziz illi ragel ifittex il-wens tieghu fihom fi xjuhitu. Iva nobghodu u nibqa nishtu (bilkemm jinr-... ) ~~...~~ ma mmut.

Dr Dimech. (Jara lill Borg Briffa qed jitlef il-kontroll tas-sitwazzjoni) Sydney issa bizzejjed. Jehtieg tiskot u tqum fuq tieghek. Ma nafx x'qed tippretendi minna b'dan l-agir tieghek, ftit hin biss qabel ma titla l-pultiera. Xi trid ? Li jithassar kollox ? Possibbli hekk trid ?

Sydney : (Jidhaq) Ara s-sur Borg Briffa kif inhu mejjet minn gewwa.

Briffa: Issa daqshekk. Ma jistax ikun nibqa nittolera dan kollu. Sejjer fejn issejjahli dmiri. It-tejatru ! (Johrog)

Sydney: (Jidhaq) Jahasra ha zball ckejken. Fejn issejjahlu butu ried jghid !

Dr Dimech: Imissek tisthi tavvellixxi ragel b'mod daqshekk sfaccat!

Sydney: Min ? Daf javvellixxi ruhu ? Ma nlumekx. Wara kollox inti lin-natura umana tiltaqa maghha meta tkun illupjata.

Dr Dimech: U ejja Sydney. Kun ragel. Ma tarax illi issa mhux hin ic-cajt ?

Sydney: Mhux diga ghidtlek illi spiccali c-cajt. Ixxuttajt !

Dr Dimech. Bicca storja bhall din qatt ma kont nobsorha minnek.

Grace: Papa marridx nidher li qed nindahal imma sewwa qed jghidlek it-tabib. Mhux sewwa toqghod taqla dal-hwejjeg issa.

Sydney: Grace, ghaziza tieghi. Dawn il-hwejjeg li qed issemmi int mhux issa inqalghu. Ilhom hemm. Zmien twil. Fuqi, fuqek, fuq kullhadd. M'intiex tara? Kulhadd ifittex il-paci! Eluf u mijiet ta' snin ghaddew u ghada ma nstabitx. Ghaliex ? Ghax dil-kelma paci mhux hlief loppju li qieghed hemm biss biex imewwet l-intellet. Ma nstabitx ghax ma tezistiex! Dal-hafna xewqat mishuta li ma tista trazzanhom b'xejn, li kif tikseb wahda dlonk jinbtu ghaxra ohra godda fjammanti.... Din l-ambizzjoni marida li tinjettalek sensik sakemm igghalek temmen li x-xemx qed titla biss ghalik ... Le ghaziza Grace, dal-hwejjeg ilhom mieghi u jien minghalija ser insib l-irkaptu taghhom billi nikseb il-glorja u c-capcip tal-poplu... Illum meta kont tghidli fuq Joe irrejalizzajt li ma kontx hlief inqieghed inraqqa l-pannu bil-qargha ahmar.

Grace: Imma papa nittama li ma hadtx ghalik. Bl'ebda sens ma . .

Sydney: B'kull sens binti. B'kull sens. Forsi iss n-nies xebghu jidhqu bija aktar. Wara kollox forsi wkoll minni ma jippretendux hlief rizati. U meta niqu ghas-serjeta'; hekk le hej... Jien ma nistax inkun tollerat bhala bniedem serju b'hajja tieghu u tieghu biss. Din qatt mhu ser icedihà Joe tieghek. Forsi ghax mhiex tad-dahq!

Gracie: Imma papa issa dan ma jidhirlekx li hu kliem zejjed ?

Sydney: (Jersaq lejha intimu) Grace binti, meta Joe qallek illi ta' missierek qed tghatih lilu, taf x'imissek wegibt ?

Grace: Uh isa papa ghax qed isir il-hin ...

Sydney: Imissek ghidtly: "Imma dak ghax kummidjant. Allura int trid tkun bhalu; bahnan, idahhaq in-nies, jew nghiduha,

forsi n-nies jidhqu bih" ... Imma hekk, kien imissek ghidtlu ... U issa tiela fuq inhejji ghall-final ...

Grace: U hekk mela qum fuq tieghek. (Tipprova ticcajta) Dejjem hekk tghid kull darba li titla fuq il-palk, illi wasalt ghall-final.

Sydney: (Jinzel it-tarag. Ibus lil Grace imbaghad jerga jdur u jieqaf fuq it-tarag.) Bus lill-ommok u ghidilha titlob ghalija.

Grace: Kollox sew. Mur mur u haffef.

Dr Dimech: Mela dik kienet kollox!

Grace: Aktar jien ukoll gejt nghamilha tal-brava u ghidtlu.

Dr Dimech: Hassha. Fil-fond ukoll. U naturali, Dan l-ahhar li hassu tant migbud lejk - kellu hu stess responsabli li ...

Grace: Imma x'ghandu x'jaqsam?

Dr Dimech: Missierek hekk fehma. Hajtu kollha pprova jiskarta r-responsabilta. Ghalih il-palk kien iservi ta' refugju l'aktar biex jghinu jghamel dan. Ghax darba pprova jkun ragel, ma Stella, mieghek u mieghu innifsu, kellu jonfoh riefnu gdid illi kompletament qalliblu mohhu ta' taht fuq. Ir-rizultat kien li missierek tant hassu dghajjef u frustrat illi spicca jobghod lilu nnifsu stess. Tilef ghall kollox il-kunfidenza fih innifsu.

Grace: U kellu jkun illum!

Dr Dimech: Naturalment. L-akbar jum ta hajtu fuq il-palk. Hu jhoss issa illi hajtu fuq il-palk kienet skuza; ghalih il-palk sar ifisser xhieda ta' kemm mhux ragel, ta' kemm mhux kapaci jiflah ghar-responsabilta.

Grace: Ma nafx u ma nafx kif ser tispicca ...

Dr Dimech: Miraklu jrid ikun biex fil-hin li baqa jgib mill-gdid il-kunfidenza fih. (Qampiena ta' barra)

Grace: Min inqala issa? (Tohrog tiftah)

Briffa: (Allarmat) Jien mort ghidt kollox lill Satariano u lill-ohrajn ... ma jistax ikun u ma jistax ikun ... mhux ser nibda nerfa kollox jien wahdi. Irresponsabilta ta' dix-xorta lanqas nohlom biha ma rrid! Dizastru shi ! Hashet is-siegha u l-mument ... Fejnhu Fejn qieghed ... ?

Grace: ... e a' fuq. Nahseb biex ihejji ruhu!

Briffa: ... le ma jistax ikun. Dawn affarijiet tad-dinja l-ohra ... il min tmur tghidhom dawn l-affarijiet ... Satariano u l-ohrajn gejjin hawn ... ma jistax ikun illi nibqa mghobbi bil-piz kollu jien ... kif jista' jkun? U jista jibqa zgur bravu kemm hu bravu, jigbed ud enza kemm irid; imma daqshek ! ... al-ahhar tkun. Lanqas jekk naf x'naf ... Ta' l-ahhar ...

(Jinstama' hoss kbir, hgieg jinkiser ecc. Kollha jibqghu iharsu lejn xulxin. Tohrog Guza hdejhom twerzaq "X'gara ! X'gara ?" It-tabib jitla jigri t-tarag. U jidher lura wara ftit izomm rasu. Idaharhom lejn l-udjenza jisimghuk b' lehen solenni jghid minn fuq it-tarag)

Tabib: Guz, tista taghlaqha il-purtiera !

(Purtiera tinghalaq bil-mod)

TMIEM